KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 33

It-tlieta u tlettin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju 2021 fis-6pm. Il-laqgħa saret ġewwa s-sala.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Vivien Galea Pace | Kunsilliera |
| | Ilona Fenech | Kunsilliera |
| | Emanuel Borg | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Vivien Galea Pace | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.13:*

*33.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 32;*
*33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*33.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*33.5 Talbiet għall-estenzjoni ta' imwejjed u siġġijiet fi stabbilimenti ta' ikel u xorb waqt il-pandemija*
*33.6 Rapporti;*
*33.7 Items Oħra*
*33.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*33.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*33.10 Mozzjonijiet*
*33.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 33.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

33.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsillieri D.Muscat talab illi jkun skużat minħabba impenji li kellu tax-xogħol. Kien hemm qbil illi jkun skużat.

## 33.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 29 U 30

33.2.1 Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku qal illi hemm bzonn illi wieħed jevita paroli li m'għandix taqsam mal-laqgħa, waqt illi fl-aħħar ta' kull item hemm bzonn illi jkun hemm konklużjoni għalhiex ħafna drabi jsiru diskussjonijiet twal mingħajr ftehim. *Minuti nru 32*
Il-kunsillier P.P.Portelli ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsilliera A.Debono issekondat l-proposta. Il-minuti ġew approvati unaniment.

33.2.2 B'referenza għal punt 32.3.5 is Sindku qal illi fil-fehma tiegħu xorta waħda jħoss illi hemm bzonn insibu persuna kapaċi biex tippromwovi l-informazzjoni f'temp qasir grazzi għall-mezzi soċjali. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi ssir trial.

## 33.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

33.3.1 Is-Sindku qal illi ftit ilu saret laqgħa flimkien mall-LESA fejn ġie diskuss CCTV li tiġi sorveljata minn naħa tal-Aġenzija. Talab illi *CCTV*

ssir kamera wkoll taħt l-area ta' Taormina fejn qegħdin jinżlu ammont ta' karozzi għad-detriment ta' ma jixtieq jagħdi fejn il-bajja. Żied ukoll illi jemmen illi hemm bzonn kumitat sabiex tiġi kkontrollata l-issues li hemm mas-sajjieda, fejn ippropona li l-kumitat tkun magħmula minn kunsilliera u sajjieda. Kien hemm qbil illi minn naħa tal-Kunsill ir-rappreżentanti jkunu s-Sindku flimkien mall-kunsilliera P.P.Portelli, A.Debono u J.Pillow.

**Il-Viċi Sindku daħlet fis-18:35**

33.3.2 Is-Sindku fakkar dwar deċiżjoni li ttieħdet madwar sena ilu fejn kien hemm qbil illi ma joħorġux permessi għall-għeluq tat-toroq darba fil-ġimgħa. Qal illi llum il-ġurnata din qed toħloq back-log enormi għax-xogħolijiet waqt illi kull darba li jkun hemm ġbir tal-ħġieġ, il-kuntrattur qed isib diffikultajiet minħabba l-closures illi jkun hemm. Għalhekk issuġerixxa li minflok, ma jingħatawx permessi dawk il-ġranet illi jkun hemm ġbir tal-ħġieġ. Kien hemm qbil unanimu, *Closures*

**Il-kunsillier P.Radmilli daħal fis-18:48**

33.3.3 Is-Sindku qal illi tlabna verifikazzjoni dwar kif daħlet l-applikazzjoni tagħna mingħajr ma kien hemm firma u timbru tal-Kunsill. Kien għalhekk illi saret laqgħa ma' min kien se jorganizza x-xogħol u dan ikkonferma li hemm €25,000. *Proġett UE*

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm wisq dubji dwar il-proċeduri li saru għaliha u ma tantx jemmen dak illi qed jintqal minn naħa l-oħra. Qal illi jemmen illi għandna nidħlu izda mhux b'talli mod. Issuġerixxa li ssir laqgħa mall-EC u naraw x'jista jsir. Kien hemm qbil.

.

33.3.4 Is-Sindku qal illi waslet talba biex nipparteċipaw fi skambju oħra taħt CERV. Kien hemm qbil u se jkun involut il-kunsillier P.Radmilli. *CERV*

**Il-kunsillier P.P.Portelli telaq fis-19:09**

## 33.4 TWEĠĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET

33.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

**33.5 Talbiet għall-estenzjonijiet ta' imwejjed u siġġijiet fi stabbilimenti ta' ikel u xorb waqt il-pandemija**

33.5.1 Is-Sindku qal illi waslu talbiet sabiex jingħataw permess għall-imwejjed u siġġijiet b'mod temporarja minħabba l-COVID wara li ġiet iffirmata MoU bejn l-AKL u l-MTA.

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi għamilha ċara mall-President tal-AKL li ma kellom l-ebda dritt biex jagħmlu MoU u ta r-raġunijiet għalfejn ma jaqbilx mall-idea. Spejga li b'hekk wieħed jevita l-iskrutinju tal-Planning, kif ukoll id-dritt ta' appell illi għandu kull ċitadin li ma jaqbilx mall-proposta. Qal ukoll illi l-COVID m'għandix tintuża bħala skuża biex wieħed juża art pubbliku għall-affarijiet kummerċjali. Żied illi anka dawk illi applikaw, kif suppost, mall-Planning, nefqu ħafna spejjez waqt illi min ikun qed japplika issa m'għandu l-ebda obligu finanzjarja u din tiġi kontra min għamel l-affarijiet kif mitlub bil-liġi. Fl-aħħar qal illi l-enfasi hawn hija fuq l-aspett suġġettiv tal-MTA u ma jistax jaqbel magħha.

Il-kunsillier K.Wain qal illi kulħadd jaf xi tfisser il-kelma 'temporarja'. Ma dan il-punt il-kunsillier A.Debono żied illi per se dawn huma 'weather permitting' u għalhekk għandom jitneħħew għal Ottubru.

Il-kunsillier J.Pillow qal illi għandna wkoll nilagħbu karta fejn dawk il-ħwienet illi huma magħluqin fil-preżent, u li qegħdin jużaw art pubbliku b'mod irregolari, għandna niktbu lil Lands sabiex dawn jitneħħew.

Is-Sindku qal illi ma jistax jara kif se nirrispondu għall-mistoqsijiet tar-residenti jekk dawn jingħataw permess mill-Kunsill meta dejjem konna kostanti bil-kritika tagħna bil-mod illi qed jittieħed art pubbliku għall-benefiċċju ta' dawn l-istabbilimenti.

Il-kunsillier D.Soler qal illi ma jaqbilx u ma jarax kif se nwieġbu mistoqsijiet tal-pubbliku jekk jingħataw permessi minn naħa tagħna.

Wara diskussjoni kien hemm kunsens illi taħt iċ-ċirkostanzi ma hemmx qbil illi jingħataw dawn il-permessi. Kien hemm qbil illi l-kunsillier P.Radmilli għandu jiddraftja risposta li tiġi iccirkolata mal-kunsilliera li imbagħad tintbgħat bħala risposta tal-Kunsill.

**33.6 Rapporti**

33.6.1 Is-Sindku qal illi hemm bzonn illi niltaqaw mall-Contracts Manager rigward il-follow-ups tal-permessi. Il-kunsillier J.Pillow qal illi

hemm bzonn inkellmuħ dwar il-boroż ukoll.

**33.7 Items Oħra;**

33.7.1 Il- kunsillier J.Pillow qal illi hemm tniġġis ta' ilma ġewwa Ġnien Bonello DePuis. Se jsir spezzjoni sabiex naraw jekk din ġejja mill-irigazzjoni.

33.7.2 Il-kunsillier J.Pillow qal illi l-isprinklers ta' Ġnien Bonello DePuis qegħdin jinħallu bil-vibrations. Ilmenta wkoll illi l-kuntrattur ġab it-tapit ġdid tal-Playing Field żibel bit-tgħin.

33.7.3 Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal illi hemm tim lest biex tipparteċipa fit-turnament li se tintlab ġewwa Sqallija kif spjega fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi tingħata għajnuna finanzjarja għall din l-okkazzjoni.

**Il-kunsillier W.V.Baldacchino talab illi jkun skużat fit-20:29. Kien hemm qbil u telaq mill-kamra tal-laqgħa. Il-kunsillier J.Pillow telaq fl-istess ħin.**

33.7.4 Il-kunsilliera I.Fenech staqsiet jekk intbagħtu l-ittri dwar l-iskips tar-restaurants. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li intbagħtu,

33.7.5 Il-kunsilliera I.Fenech qalet illi residenti ġibdu l-attenzjoni dwar in-neċessita li jkun hemm preżenza tal-pulizija ġewwa triq Locker wara l-aħbar li ħarġet jumejn qabel il-laqgħa. Is-Sindku u l-kunsillier P.Radmilli rrimarkaw illi fil-fatt kienu l-pulizija, waqt ir-rinda tagħhom li sabu l-ġuvni li kien il-vittmu tal-inċident.

33.7.6 Is Sindku qal illi għandu l-obbligu jirringrazzja lil LESA, partikolarment l-uffiċjali li marru biex jieħdu ħsieb il-burdell illi kien hemm taħt it-Torri ftit ġranet qabel il laqgħa, wara li ltaqa magħhom barra u spjega li hemm ammont ta' nies li qegħdin jagħmlu storbju, u f'temp ta' ftit minuti, 2 uffiċjali waħedhom ħadu ħsieb illi dawn in-nies jitilqu..

33.7.7 Il kunsillier K.Wain qal illi ra pulizija jwaqqfu scooters fejn kien hemm izjed minn persuna waħda. Mar ikellimhom dwar il-ksur ta' liġi peress illi jużaw veloċita u jsuqu fuq il-bankina. Is-Sindku fakkar lill-kunsillier K.Wain illi fil-bidu tas-sajf konna ħriġna Press Release fejn semmejna l-fatti u tibqa l-pożizzjoni tagħna li

għandom jiġu osservati dawn il-liġijiet.

33.7.8 Il-kunsillier A.Debono staqsa fejn wasalna bid-doggy bins illi għandom isiru. Dawn qegħdin isiru.

33.7.9 Il-kunsillier A.Debono staqsa dwar żviluppi dwar il-proġett tan-niċċeċ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi weħħilna mall-Planning u intbagħtet emajl lil-Chairman. Is-Sindku qal illi se jċempilu sabiex javzah dwar is-sitwazzjoni.

33.7.10 Il-kunsillier A.Debono ssuġerixxa li jsiru tabelli bl-iskeda tal-ġbir taz-zibel u jitwaħħlu fit-toroq. Is-Sindku ssuġerixxa li dawn isiru fejn hemm it-tabelli tar-residential parking

33.7.11 Il-kunsillier A.Debono ppropona li jsir fustun l-area ta' Qui Si Sana. Kien hemm qbill peress illi f'dil-area biss m'hemmx dawl.

33.7.12 Il-kunsillier A.Debono qal illi qegħdin noqorbu lejn il-Milied u hemm bzonn illi nibdew naħsbu għad-dekorazzjonijiet. Is-Sindku staqsa min hu lest ikun parti mill-kumitat. Il-kunsilliera A.Debono, E.Borg, V.G.Pace u l-Viċi Sindku se jifformaw parti mill-kumitat.

**Il-kunsillier I.Fenech talbet biex tkun skużata fid-9pm. Kien hemm qbil illi tkun skużata.**

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat u hemm bzonn qbil unanimu sabiex il-laqgħa titkompla. Kien hemm qbil.**

33.7.13 Il-kunsillier E.Borg ta rendikont tal-esperjenza tar-rapprezentanti tal-Kunsill illi marru Bialystok bħala parti mill-ġemelaġġ li teżisti bejn iż-żewġ lokalitajiet.

33.7.14 Is-Sindku qal illi hemm tiġieġ ġewwa Ġnien Indepedenza u rċieva ammont ta' ilmenti fuqhom. Qal illi fil-fehma tiegħu qegħdin jagħmlu l-ebda ħsara u jistaw jintużaw bħala ezempju biex nedukaw it-tfal dwar in-natura. Qal illi kellem ma' espert ta' għasafar u qal illi l-ħmieġ tagħhom ma tagħmilx ħsara lil ħamrija. Il-kunsillier P.Radmilli u K.Wain ma qablux ma din il-valutazzjoni. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi nagħtu ftit ċans biex naraw jevolvu xi problemi u tittieħed deċiżjoni dak iz-zmien.

33.7.15 Il-Viċi Sindku qalet illi hemm nuqqas ta' indafa u l-issue dwar in-neċessita ta' Powerwashing isir kull sena. Ipproponiet li tkun xi ħaġa strutturata li tiġri kull sena. Kien hemm qbil.

33.7.16 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar żviluppi dwar l-problema biex nikkontrollaw il-ħamiem. Is-Sindku ta informazzjoni dwar l-inizjattiva tal-AKL , kif ukoll qal illi ftit ilu s-Sindku tar-Reġjun iltaqaw mall-President u hu qajjem din il-problema mall-Eċċelenza tiegħu.

Il-kunsillier P.Radmilli staqsa jekk se terġa toħroġ it-tender dwar l-ispikes. Din it-tender se terġa toħroġ.

Il-kunsillier A.Debono ppropona li nużaw gaġġeġ izda s-Sindku qal illi l-Kunsill kien prova snin qabel u ma kellomx suċċess.

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm bzonn isir emenda tal-Bye-Law eżistenti sabiex il-multi jkunu l-massimu possibli, fejn bħalissa qegħdin jammontaw għal LM15. Kien hemm qbil illi l-Bye-Law tiġi emendata fejn il-multa tkun ta' €70, b'żieda ta' €15 mall-massimu kull darba li jkun hemm kontravvenzjoni.

33.7.17 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar żviluppi dwar il-każ ta' persuna li waqgħet u weġgħet fis-sena 2017. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-avukat kellu jiġi għal din il-laqgħa biex jagħti spjegazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi 2 laqgħat ilu ttieħdet deċiżjoni biex l-avukat ikun preżenti meta jkun hemm każijiet sabiex nieħdu l-opinjoni izda qatt ma ssemmiet illi jattendi għal din il laqgħa jew għal din il-każ fejn diġa kien ingħata informazzjoni dwar x'jaħseb hu. Dwar din il-każ partikolari hu kien qal illi ma jarax għalfejn terġa tinfetaħ li hija time-barred. Kien hemm qbil illi nġibu tlett stimi minn tlett avukati li jipprattikaw f'dan il-qasam sabiex ningħataw parir legali fuq kull każ ta' talba għal kumpens.

33.7.18 Il-kunsillier D.Soler staqsa jekk se nżidu mall-bins il-ġodda li saru Is Sindku qal oħrajn ġew ordnati.

33.7.19 Il-kunsilliera V.G.Pace staqsiet dwar il-Monument ta' Tony Nicholl. Kienet intbagħat ritratt lill-kunsilliera dwar kif għanda tidher 'life-size'.

33.7.20 Il-kunsilliera V.G.Pace qalet illi hemm lido li qed tħalli ħafna ħmieġ ġo passaġġ li hemm fl-inħawi tagħha. Is-Sindku qal illi l-passaħħ hija waħda tal-pubbliku u ntalbet l-assistenza tal-awtoritajiet għall-infurzar.

33.7.21 Il-kunsilliera V.G.Pace qalet illi stabbiliment ipproponilha li jieħdu ħsieb xogħol ta' manutenzjoni tal-parti tal-banikina [magħdum] barra l-istabbiliment jekk il-Kunsill lest jixtri l-magħdum. Kien hemm qbil bil-kundizzjoni li x-xogħol isir għas-sodisfazzjon tagħhan u mingħand persuna kapaċi.

33.7.22 Il-kunsillier V.G.Pace qalet illi faċċata tal-knisja ta' Stella Maris hemm bankina mħarbta. Is-Sindku qal se ssir il-proġett tagħna hemmhekk u din se tibda wara li jitlestu x-xogħoljiet ta' IM. B'hekk għalxejn nieħdu ħsieb biċċiet issa sakemm mhux ta' periklu.

33.7.23 Il-kunsillier V.G.Pace qalet hemm partijiet ta' triq it-Torri fejn hemm culverts ta' servizzi li jiżolqu. Dawn se nduruhom.

33.7.24 Il-kunsillier K.Wain qal hemm bozza maqtugħa ġewwa triq Tonna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din lesta.

33.7.25 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi ħarġet skema tar-Reġjun fejn hemm €3000 biex isiru korsijiet edukattivi. Kien hemm qbil illi mmexxu biha. Is-Sindku qal illi din qed tiġi kkontestata għax l-ammonta approvata għanda tkun €5000 u mhux €3000.

33.7.26 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm ħafna Un/Loading fil-lokalita li jieħdu parkings għal xejn peress illi ma jingħatawx servizzi fil ħinijiet indikati. Issuġerixxa li nġibu feedback u naraw il-ħinijiet illi jsiru d-deliveries.
Il-kunsillier A.Debono qal illi wara s-2pm kollu żejjed.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi din trid tkun bi forma ta' bye-law.
Kien hemm qbil illi nibdew il-proċess sabiex jitfassal bye-law li jirregola l-ħinijiet tal-Un/Loading fil-lokal.

33.7.27 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm problema bl-ammont ta' telefonati li huma deħlin u l-istaff mhumiex qegħdin ilaħħqu. Saret suġġeriment sabiex jidħlu 1 jew 2 impjegati ġodda għat-telefonati. Fakkar illi fis-sena 2019 konna tlabna għal 2 full-timers fejn ġiet waħda biss.
Kien hemm qbil unanima ma din il-proposta.

**33.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u'jew Sotto Kumitati**

33.8.1 Ma kien hemm l-ebda rapport.

**33.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

33.9.1 Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-iskeda tiġi approvata. Il-kunsillier K.Wain issekondah.
Kien hemm qbil unanimu.

**33.10 Mozzjonjiet;**

33.10.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni

**33.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

33.11.1 Is-Seduta ntemmet fil-22.35. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar il-Ħamis 26 t'Awwissu 2021.

Minuti approvati llum nhar il-Ħamis 26 t' Awwissu 2021

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**